**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru 616/2022 LC

**Mary Bonnici (K.I. 922845M),**
**Anthony Cachia (K.I. 5144M),**
**Joseph Cachia (K.I. 518441M),**
**Rita Galea (K.I. 65555M),**
**Maria Rosaria sive Rose Zahra (K.I. 380460),**
**Leonard Kevin Incorvaja (K.I. 454069M),**
**Natasha Sciberras (K.I. 177979M),**
**Leonard Incorvaja (K.I. 966744M) f'ismu propju u għan-nom ta' Carmela-Jacqueline Sciberras (K.I. 0286372M)**
**u**
**Mary Bonnici (K.I. 922845M) bħala kuratur ad litem għan-nom ta' Carmela Farren**

**vs**

**Ġemma Cutajar (K.I. 64535M)**

Illum, 30 ta' Ottubru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Mary Bonnici et, fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

i. Jiddikjara li l-intimata Ġemma Cutajar (K.I. 64535M) hija l-inkwilin tal-fond numru 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġa, għal liem kirja japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Jordna t-twettiq tat-test tal-mezzi, skont il-liġi;

iii. F'każ li l-inkwilin ma tissodisfax il-kriterji tad-dħul tat-test tal-mezzi, tordna li l-fond jiġi vakat fi żmien sentejn u jiddetermina l-kumpens dovut tul dan il-perjodu ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. F'każ li l-inkwilin tissodisfa t-test tal-mezzi jirrevedi l-kirja għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond u dan ai termini tal-artikolu 4(b) u 4A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa inġunt in subizzjoni.

Ir-risposta tal-Awtorità tad-Djar tat-22 ta' Awwissu 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta tal-intimata Ġemma Cutajar (K.I. 64535M) tad-9 ta' Settembru 2022, fejn sommarjament, tesponi li:

1. Illi l-ewwel nett il-ġudizzju mhux integru;

2. Illi preliminarjament l-esponenti tissottometti illi għandu jiġi kjamat in kawża Lawrence Cutajar, detentur tal-karta tal-

identita' numru 0253365M, iben l-esponenti Gemma Cutajar illi ilu jirrisjedi fil-fond de quo minn jum twelidu u li għalhekk kien rikonoxxut bħala kerrej skont il-liġi validament fis-seħħ qabel l-1 ta' Ġunju, 2021;

3. Illi subordinatament pero' in via preliminari, l-esponenti tissottometti illi għandha tiġi kjamata in kawża l-Awtorita tad-Djar u dan del resto kif titlob il-liġi stess;

4. Illi l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom fuq il-propjetà' numru 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġa u li huma l-uniċi propjetarji tal-istess propjeta';

5. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju, l-intimata tikkonferma illi hija tabita fil-fond numru 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġa u ilha tikri u tabita l-istess fond għal diversi snin sa minn qabel l-1 ta' Ġunju, 1995;

6. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-intimata tissottometti illi hija dejjem ħallset il-kera fil-ħin u, kif ser jirriżulta mill-provi, hija għadha tiddepożita l-kera taħt l-Awtorità' ta' din l-Onorabbli Bord meta r-rikorrenti waqqfu jaċċettaw l-istess kera u dejjem wettqet l-obbligi tagħha bħala kerrejja skont il-liġi;

7. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-esponenti umilment tissottometti minnufih illi hija għandha mezzi finanzjarji limitati u ser tkun qed teżebixxi l-evidenza ta' dan fl-atti tal-proċeduri odjerni u għalhekk għandha tgawdi mill-protezzjoni li tipprovdi l-liġi;

8. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, l-intimata umilment tissottometti illi għalhekk kwalunkwe żieda li fir-rata

ta' kera tal-fond mertu tal-kirja de quo għandha tkun inkrementali u tiġi sussidjata mill-Awtorita tad-Djar li għandha tiġi kjamata in kawża f'dawn il-proċeduri;

9. Illi subordinatament u mingħajr ebda preġudizzju, in vista' tal-provi li se jiġu eżebiti, l-esponenti tissottometti illi hija tikkwalifika għat-test tal-mezzi skont dak li jipprovdi l-Artikolu 4A tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk dan l-Onorabbli Bord ma għandux jordna l-iżgumbrament tal-intimata Ġemma Cutajar u ta' binha Lawrence Cutajar mill-fond numru 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġa mertu tal-kawża odjerna u li fejn il-liġi de quo tipprovdi għall-iżgumbrament ta' inkwilini hija biss miżura estrema kkontemplata mill-istess liġi;

10. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibbli mil-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-11 ta' Awwissu 2022 l-intimata wettqet it-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra r-rapport tal-perit Arielle Agius preżentat fl-atti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet Mary Bonnici et vs Avukat tal-Istat et, liema rapport ġie ppreżentat konġuntivament mill-partijiet f'din il-kawża ai termini tal-Artikolu 23(1) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimata hijiex l-inkwilina ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mill-Att ta' Dikjarazzjoni Causa Mortis ippublikat min-Nutar Dottor Carmel Gafà, id-dante causa tar-rikorrenti Carmela Cachia ġiet nieqsa fit-2 ta' Frar 2000. Illi l-fond de quo kien jappartjeni kwantu għal nofs indiviż lil-imsemmija Carmela Cachia u kwantu għas-sehem indiviż rimanenti lid-dante causa tar-rikorrenti Leonardo Cachia, li ġie nieqes fit-8 ta' Lulju 1966.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma lkoll sidien tal-kera tal-fond *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi fir-risposta tagħha, l-intimata tikkonferma illi hija tirrisjedi fil-fond *de quo* u li ilha tikri u dan l-istess fond għal diversi snin sa minn qabel l-1 ta' Ġunju, 1995. Illi din id-dikjarazzjoni ma ġietx kontradetta u b'hekk il-Bord huwa sodisfatt li l-intimata hija l-inkwilina effettiva ta' dan il-fond.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimata Gemma Cutajar kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimata, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimata Ġemma Cutajar ma teċċediex il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **tissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti minn dar b'site area ta' madwar 167.47 metri kwadri. Il-kostruzzjoni tal-post, li tinstab fi stat tajjeb ta' manutenzjoni, tikkonsisti minn ħitan tal-ġebel u soqfa tal-konkos u oħrajn tat-travi tal-injam jew ħadid u xorok. Il-fond huwa mgħammar mis-servizzi kollha ta' elettriku, ilma u drenaġġ u jisntab fi stat aċċettabbli ta' manutensjoni salv illi s-sistema tal-elettirku, għalkemm taħdem, tenħtieġ immodernizzar, jekk mhux overhaul totali.

Illi l-periti tal-Bord tivvaluta l-propjetà in kwistjoni għall-ammont ta' tliet mija u tnejn u għoxrin elf Ewro (€322,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' sitt elef u erba' mija u erbgħin ewro (€6,440) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata hija li l-ġudizzju m'huwiex integru. Illi l-intimata ma sostien din l-eċċezzjoni bl-ebda prova u għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħudha;

---

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-intimata hija li għandu jiġi kjamat in kawża Lawrence Cutajar. Illi din l-eċċezzjoni kienet segwita wkoll b'rikors datat is-6 ta' Marzu 2023 fejn intalab li l-istess Lawrence Cutajar jiġi kjamat. Illi r-rikorrenti opponew għal din it-talba bir-risposta tagħhom tal-15 ta' Marzu 2023 u dan il-Bord, b'Digriet datat l-20 ta' April 2023 ċaħad it-talba tal-kjamat. B'hekk anke din it-tieni eċċezzjoni qed tiġi b'dan miċħuda.

Illi t-tielet eċċezzjoni hija li kellha tiġi kjamata fil-kawża l-Awtorità tad-Djar. Illi l-Artikolu 4A(3) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti d-dritt lill-Awtorità tad-Djar tipparteċipa bis-sħiħ bħala intervenuta fil-proċedimenti. Illi m'hemmx il-ħtieġa li l-Awtorità tiġi kkjamata f'dawn il-proċeduri għaliex hija diġa għandha l-għażla *ex lege* li tipparteċipa. Illi filfatt, l-Awtorità tad-Djar issottomettiet ir-risposta tagħha f'dawn il-proċeduri u anke pparteċipat bis-sħiħ waqt is-seduti. Għaldaqstant din it-tielet eċċezzjoni qed tiġi b'dan miċħuda wkoll.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara illi Ġemma Cutajar hija l-inkwilina tal-fond numru 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġia;

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jiċħad it-tielet talba stante li l-intimata tissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

4. Jilqa' r-raba talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 36, Triq Santa Rita, Birżebbuġia għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimata Ġemma Cutajar għall-ammont ta' sitt elef, erba' mija u erbgħin Ewro (€6,440) fis-sena u jordna lill-istess intimata tibda jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimata u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**